MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) (GURISDIZZJONI SUPERJURI) (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2006

Citazzjoni Numru. 8/2004

Joseph Dingli .

vs

Jane Dingli .

Il-Qorti ,

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-attur, wara li ppremetta :

Illi huwa żżewweġ lil konvenuta, f'Victoria, Għawdex, fid-disgħa u għoxrin (29) ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija u tmienja u tmenin (1988) ;

Illi minn dan iż-żwieġ ma hemmx ulied ;

Illi ż-żwieġ bejn il-kontendenti tkisser irremedjabilment, u l-konvivenza bejn il-partijiet ma għadhiex aktar possibbli minħabba sevizzi, inġurji, moħqrija, allontanament mid-dar matrimonjali u raġunijiet suffiċjenti fil-liġi għal otteniment ta' separazzjoni personali, kif jiġi pruvat dettaljatament waqt il-kors tas-smiegħ ta' din il-kawża .

Illi l-attur ġie awtorizzat jippreżenta din il-kawza ai termini ta' digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Sezzjoni Familja tad-disgħa (9) ta' Settembru tas-sena elfejn u erbgħa (2004) .

Talab lill-konvenuta tgħid għaliex m'għandhiex din il-Qorti :

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti għar-raġunijiet fuq esposti u għal dawk ir-raġunijiet li jirriżultawlha waqt il-kors tas-smiegħ ta' din il-kawża .

2. Tiddikjara illi l-konvenuta ddekadiet mid-drittijiet tagħha kif kontemplati fl-artikoli tmienja u erbgħin (48) sa wieħed u ħamsin (51) tal-Kodiċi Civili (Kap. 16) .

3. Tiddikjara xolta l-kommunjoni ta' l-akkwisti ġia eżistenti bejn il-kontendenti .

4. Tillikwida l-istess kommunjoni ta' l-akkwisti u tiddividiha skond il-liġi, dejjem salv dak li intalab fuq bil-komminazzjonijiet applikabbli fil-konfront tal-konvenuta skond il-liġi .

Bl-ispejjeż, nkluża VAT u nklużi dawk tar-rikors fuq imsemmi. Bl-inġunzjoni tal-konvenuta minn issa għas-subizzjoni .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attur minnu kkonfermata bil-ġurament .

Rat ir-riferta pożittiva tal-konvenuta li, minkejja li ġiet notifikata b'din iċ-ċitazzjoni fit-22 ta' Ottubru 2004, għażlet li tibqa' kontumaċi .

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tad-9 ta' Settembru 2004, fejn awtorizzat lill-attur sabiex jipproċedi b'din il-kawża .

Rat il-provi prodotti .

Rat il-verbal tagħha tat-8 ta' Novembru 2005 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza .

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża .

Ikkunsidrat :

Illi din hija kawża għas-separazzjoni bejn il-kontendenti . Irriżulta illi l-partijiet żżewġu fid-29 ta' Ottubru 1988 u minn dan lż-żwieġ ma kellhomx tfal . It-tnejn kienu kbar fl-eta', għax filwaqt illi r-raġel kellu sitta u ħamsin (56) sena, il-mara kellha ħamsa u erbgħin (45) sena . Kellhom għerusija qasira ta' ftit xhur biss . Id-dar residenzjali ġiet stabilita fid-dar li l-attur kellu fix-Xewkija . Għall-ewwel kollox mexa sew, il-mara ma baqgħetx taħdem, billi l-introjtu ta' l-attur kien suffiċjenti għalihom, flus kienu but wieħed u t-tnejn kienu bil-għaqal . L-inkwiet beda meta l-konvenuta ħarġet tqila u minkejja li t-tabib kien irrakomandalha l-mistrieh, billi kien hemm il-perikolu li titlef it-tarbija, baqgħet għaddejja qisha mhix hi, u nfatti t-trabija tilfitha . Imbagħad il-konvenuta bdiet tqatta' ħafna ħin għand ommha ddur biha, meta ma kienitx l-unika bint tagħha li setgħet tagħmel hekk, u dan xejn ma kien qed jogħġob lir-raġel, li beda jħossu abbandunat .

Jidher illi kawża ewlenija għal dan l-inkwiet bejn il-kontendenti kienet l-inkompatibilita' tal-karattru tagħhom . Zgur illi ma kellhomx żmien isur jafu ‘l xulxin biżżejjed qabel ma żżewġu, għalkemm kienu mill-istess raħal . Il-fatt li ġia kienu kbar fl-eta', ma setgħax għenhom wisq biex jadattaw ruħhom għal ħajja ta' miżżewġin . Jidher illi kull parti riedet tibqa' tgħix kif kienet imdorrija u ma tantx kienet ippreparata tikkonċedi xejn biex tipprova tikkuntenta lill-parti l-oħra . Il-konvenuta baqgħet qatt ma xehdet biex tagħti l-verzjoni tagħha tal-fatti, imma huwa

ovvju illi l-ħtija għal dak li ġara hija imputabbli għaż-żewġ naħat .

**Dekadenza mid-drittijiet konjugali :**

Il-Qorti, wara li qieset sew iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, tħoss illi kif ġia qalet, kien hemm nuqqasijiet miż-żewġ partijiet illi kkontribwew għal din is-sitwazzjoni . Hadd mill-partijiet m'għandu għalhekk jiġi dikjarat illi ddekada mid-drittijiet kontemplati fil-liġi, salv minn dak ta' suċċessjoni reċiproka .

**Manteniment :**

Irriżulta illi kull parti għandha l-mezzi finanzjarji tagħha u għalhekk l-ebda manteniment m'għandu jkun dovut minn xi parti lill-oħra .

**Likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti :**

Jirriżulta illi l-partijiet ma kienu jipposjedu xejn in komun, u kull ġid li għandhom huwa parafernali . M'hemm xejn għalhekk x'jiġi likwidat f'dan ir-rigward .
Għal dawn il-motivi, tiddeċidi l-kawża billi :

(i) tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti Joseph u Jane konjuġi Dingli ;

(ii) peress illi rriżulta illi ż-żewġ partijiet jaħtu għal din il-firda, tipprovdi dwar it-tieni talba billi tiddikjara illi l-kontendenti ddekadew biss mid-dritt ta' suċċessjoni reċiproka ;

(iii) tilqa' t-tielet talba u tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti; u

(iv) billi ma rriżultaw ebda beni appartenenti lill-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-kontendenti, tiċħad ir-raba' talba .

L-ispejjeż tal-kawża għandhom jiġu ssoportati ugwalment bejn il-kontendenti .

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------